MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2005

Numru. 666/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlo Ellul)**

**vs**

**RITA SANT**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Rita Sant ta' 30 sena bint Carmel Bugeja u Polly nee' Azzopardi u mart Kevin, imwielda l-Imtarfa fit-22.07.1975 u toqghod 'Land Bridge Mansions', Flat 5 A Dawret il-Gzejjer, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita Nru. 324275M giet akkuzata talli:

f'dawn il-Gzejjer, fil-28 ta' Jannar, 2005 u/jew fil-granet jew xhur ta' qabel, ikkommettiet serq li l-valur tal-haga misruqa hija aktar minn mitt Lira (Lm100) izda ma hux izjed minn elf Lira (Lm1000 liema serq huwa ikkwalifikat biss bil-persuna, bil-lok u bil-valur u aktar,

talli f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozzizjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

a. ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku jew pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, nkella illi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' ghamlet falsifikazzjoni ta' firem tas-Sinjura Anna Isabella Attard u/jew persuni ohra fuq ircevuti u aktar talli xjentement ghamlet uzu mill-istess skritturi jew cekkijjiet jew ircevuti u dan bi ksur tal-Artikoli 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

b. Iffalsifikat cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra u cioe' cekkijiet jew ircevuti, illi meta jigu ppresentati wiehed jista jircievi bihom hlas jew jiehu kunsinja tal-oggetti, jew jigbor depositu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn Banek jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-gvern u aktar talli ghamlet uzu mill-istess karti msemmija u dan bi ksur tal-Artikoli 167 u 169 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

c. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor ngann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta' madwar Lm302 billi ppresentat cekkijiet bi hsara ghal Anna Isabella Attard u/jew persuni ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 308, 309 u 310 (1) (b) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputata iddikjarat li m'ghandhiex htiega ta' avukat.

Il-Qorti spjegat lill-imputata bl-aktar mod car dwar id-dritt taghha li hi tkun assistita minn avukat u meta staqsiet lill-imputata jekk tikkonfermax id-dikjarazzjoni taghha li m'ghandhiex htiega ta' avukat, l-imputata ikkonfermat li m'ghandhiex htiega ta' avukat.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputata iddikjarat li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata regghet wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputata ikkoperat mal-Pulizija u li r-rifurtiva u l-ammonti kollha dovuti, inkluzi l-ammonti fi flus ta' cappetta tad-deheb, gew imhallsa kollha lill-parte civile.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-parte civile Anna Isabella Attard iddikjarat li inkwantu ghall-affarijiet li hi taf li giet misruqa jew ritornati fi flus.

Rat l-artikoli 261(c ), (d) u (e), 267, 268, 269, 279(a), 280(1), 281(b), 18, 183, 184, 167, 169, 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Rita Sant, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali netta tal-imputata u li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputata ikkoperat mal-Pulizija u li

r-rifurtiva u l-ammonti kollha dovuti, inkluzi l-ammonti fi flus ta’ cappetta tad-deheb, gew imhallsa kollha lill-parte civile u li fl-istess Verbal tas-Seduta tallum il-parte civile Anna Isabella Attard iddikjarat li nkwantu ghall-affarijiet li hi taf li giet misruqa gew ritornati fil flus u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputata Rita Sant ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija u hames mitt Liri Maltin (Lm500) multa u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin mil-lum l-imputata Rita Sant tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Rita Sant l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------